# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 65/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**

**Vs**

**Carmel Mallia**
**(K.I. 211974M)**

**Illum, 20 ta’ Ġunju 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Carmel Mallia** ta’ 45 sena, imwieled il-Pietà nhar it-30 ta’ Marzu 1974 iben Carmelo u Antonia nee’ Mangion u residenti Nru 13, Triq San Ġiljan, Birkirkara, detentur tal-Karta ta’ l-Identità numru 211974M fejn huwa ġie akkużat talli nhar it-08 ta’ Frar 2020 għall-ħabta tat-tmienja ta’ filgħodu (08.00hrs) ġewwa Birkirkara:-

1. Bil-ħsieb li jikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' martu Claudette Mallia Farrugia, b'atti esterni, ta bidu għall-

eżekuzzjoni tad-delitt, iżda li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' martu Claudette Mallia Farrugia skont kif ġie iċċertifikat minn Dr Neville Vassallo Numru ta' Reġistrazzjoni 2500 taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara;

U aktar talli fl-istess jum u/jew fil-ġranet u fl-erba' xhur ta qabel, ġewwa Birkirkara u f'lokalitajiet oħra f'dawn il-gżejjer:

3. Ta' fastidju lil martu Claudette Mallia Farrugia b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;

4. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Claudette Mallia Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha;

5. Għamel lil martu Claudette Mallia Farrugia inġurji u/jew theddid bil-mewt mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti ta' provokazzjoni;

6. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra il-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew tfixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor, kontra il-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

7. Kiser l-Ordni ta' Protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġiet imposta fuqu mill-Maġistrat Dr A. Demicoli LL.D fid-Digriet tagħha datat it-23 ta' Settembru 2019

8. Kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta Maġistrat Dr A. Demicoli LL.D fid-Digrieti tagħha datati 15 u 29 ta' Ottubru 2019.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmi reat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-Ħelsien mill-Arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Carmel Mallia, kif ukoll tordna li s-somma ta' €500 bħala depożitu u s-somma ta' €3000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li tittratta lill-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ġie misjub ħati u kkundannat għal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' martu Claudette Mallia Farrugia billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba ukoll flimkien ma' ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni oħra, toħroġ Ordni ta' Trattament li jkun meħtieġ fil-konfront tal-akkużat Carmel Mallia u dan ai termini ta' l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi nhar il-11 ta' Ottubru 2022,[1] l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex

[1] Ara fol. 301 tal-atti proċesswali.

Carmel Mallia jiġi ġġudikat minnha stess billi jidhirlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215, 222(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 251A(1)(a)(b)(2) u 251H(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 251B(1)(2) u 251H(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 412Ċ(1)(11) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2022, l-istess Carmel Mallia ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tagħhom;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża *de quo* titratta allegat inċident li seħħ bejn l-akkużat u l-mara tiegħu Claudette Mallia Farrugia[2] ġewwa Remissa fi Sqaq Dun Vestru, Birkirkara fejn l-akkużat iżomm iż-żiemel tiegħu peress li jaħdem ta' kuċċier.

Il-*parte ċivile* qalet li dakinhar l-akkużat talabha ċ-ċwievet tad-dar u hi rrispondietu li kienu fil-but tagħha. Qalet li dak il-ħin hu imbottaha u ħadhomlha u tefagħhom fiċ-ċana ġol-istalla. Qalet li reġa' pprova jħebb għaliha u rnexxielha tiżgiċċalu u baqgħet sejra direttament l-għassa tal-Pulizija sabiex tagħmel rapport.

Sa dakinhar tal-inċident, l-akkużat kien qed jibbenefika mill-għoti ta' Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati nhar il-15 ta' Ottubru 2019 fejn il-kondizzjoni numru 10 kienet tispeċifika "*Li ma jersaqx lejn il-lokalità ta' B'Kara*" filwaqt li l-kondizzjoni numru 11 kienet tispeċifika "*Li jsegwi l-kondizzjonijiet imposti permezz tal-Ordni ta' Protezzjoni tat-23 ta' Settembru 2019*".

L-uffiċjali tal-Pulizija staqsew lill-*parte ċivile* għal liema raġuni l-akkużat kien qiegħed hemm meta kellu dawn il-kondizzjonijiet restrittivi u hi qalet li kienet tibża' minnu għax la jtiha flus u seta' jagħmlilha xi ħaġa. Il-*parte ċivile*, flimkien ma' PS902 Karol Spiteri, marru fir-residenza tagħhom fi 13, Triq San Ġiljan Birkirkara fejn hemmhekk huma sabu lill-akkużat iżarma ż-żwiemel fir-remissa, li tiġi ftit metri 'l bogħod mir-residenza. Il-pulizija u l-parte ċivile bdew ifittxu ċ-ċwievet u dawn instabu propju fiċ-ċana fejn indikatilhom il-parte ċivile.[3] Fuq il-post marru wkoll PC985 Odin Cutjar u PS 902 Karol Spiteri u PC335 Mervin Borg.

Dak il-ħin, il-pulizija arrestat lill-akkużat u ttieħed għal aktar investigazzjoni, fejn aktar tard dakinhar hu rrilaxxa stqarrija wara li kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. F'din l-istqarrija hu ċaħad l-inċident ta' filgħodu u ċaħad

[2] Ara ċ-ċertifikat taż-żwieġ a fol. 135 tal-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda ta' PS902 Karol Spiteri mogħtija fil-25 ta' Frar 2020 a fo. 31 tal-atti proċesswali.

li l-parte ċivile qed tibża' minnu, tant li kull fejn imorru dejjem ikunu flimkien.[4]

Ikkonsidrat;

Illi fix-xhieda tagħha,[5] il-*parte ċivile* Claudette Mallia Farrugia qalet illi dakinhar tat-8 ta' Frar 2020, qamu filgħodu hi u r-raġel Carmel Mallia bħas-soltu. Peress li dakinhar hu qam ma jiflaħx, hi qaltlu biex ma jmurx għax-xogħol iżda hu qalilha biex imorru r-remissa jarmaw iż-żiemel, biex joħroġ għax-xogħol. Waqt li kienu għadhom id-dar, l-akkużat talabha tgħinu jilbes il-kalzetti iżda x'ħin marret tgħinu, ħadhomlha minn idejha u qalilha li m'għandux bżonnha u ħafna paroli u għajjat.

Ix-xogħol tal-akkużat hu bil-karrozzin u normalment, qabel ma jarma liż-żiemel, jagħtiħ xi pakketti bil-misħun ġo ħalqu. Dakinhar iż-żmiel waqqafhom minn ħalqu u l-akkużat beda jgħajjat, jidgħi u jirrabja mal-parte ċivile u qallha "bħalissa naqbdek taħt idejja u ngħaffġek" u kliem simili bħal li jsawwatha, iwaddbilha x-xugaman għal wiċċha, u hi telqet 'l hemm tlesti ż-żwiemel l-oħra. Wara xi ħames minuti reġgħet marret lura biex tara kkalmax u x'ħin raha reġa' beda jgħajjat magħha u jgħajjarha. Waddbilha x-xugaman u qallha biex titlaq minn quddiem għajnejh għax kieku kienet taħt idejh dak il-ħin kien joqtolha. Hi reġgħet telqet 'l hemm u x'ħin lesta mar iħabbtilha l-bieb tar-razzett u qalilha biex ittieħ iċ-ċwievet. Qaltlu li ċ-ċwievet tiegħu qegħdin għandu u li hi għandha tagħha però hu talabha ttiħ tiegħu. Hi ħarġithom mill-but tagħha u tagħthomlu. Qalilha li ċ-ċwievet m'għandhiex bżonnhom u ħadithomlu minn idu. Hu mbuttaha u ħatafhomlha minn idejha. Bit-taqbida ċ-ċwievet tqaċċtu minn mal-*keychain* u waddabhomlha fl-istalla taż-żiemel. Meta staqsietu għalfejn għamel hekk, dar jaħtafha biex issawwatha, qabdet il-bieba tal-istalla, imbuttatha u ħarġet tiġri 'l barra. Stennietu fit-triq u kif ħareġ bil-karrozzin talbitu jtiha mqar iċ-ċavetta tad-dar. Qalilha jekk trid oqgħod ġurnata barra ja kornuta.

---

[4] Vide l-istqarrjia rilaxxata mill-akkużat a fol. 10 tal-atti proċesswali.

[5] Ara x-xhieda mogħtija minn Claudette Mallia Farrugia bil-mezz tal-video conference nhar is-6 ta' Marzu 2020, a fol. 45 tal-atti proċesswali.

Qaltlu li ma kinietx se tagħmel ġurnata barra bla mobile u bla flus u marret l-għassa tal-pulizija. Dan seħħ fil-preżenza ta' xi ġirien. Qalet li waqt li kien qed joffendiha hu kien irrabjat ħafna u jintilef tant li jekk ikollu jagħmel xi ħaġa dak il-ħin ma jkunx jaf. Wara jiġi f'sensieħ u qisu qatt ma jkun ġara xejn.

Mistoqsija dwar inċidenti oħra fil-passat, il-parte ċivile xehdet li wara Ottubru, ċioè wara li ħareġ mill-ħabs, kien imur wara l-bieb tad-dar jibkilha biex jidħol u hi tagħtu ċans ieħor. Irrakkuntat inċident ieħor fejn għall-ħabta tal-Milied marret tagħmel xagħrha u ffissa li kien kulur aħmar mentri għamlitu l-kulur naturali tagħha. Għamel storja fuq il-bejt u ta bil-ponn mal-ħajt qalb ħafna dagħa u qalilha li kieku ma kienux bl-Ordni ta' Protezzjoni, dak il-ħin kien joqtolha taħt idejħ. Qalet li f'dak il-perjodu kien jiġġieled magħha, ma jkellimhiex, ma jiekolx u ġieli ma jħallihiex tiekol. Qalet li minn wara l-Milied reġà beda jkun aggressiv u rrabjat. Reġà beda jheddidha, anke theddid li se jqabbad lil xi ħadd joqtolha fit-triq. Ġieli anke imbuttaha t-taraġ tad-dar. Qalet li kienet reġgħet bdiet tibża ħafna, tant li ġieli lanqas kienet torqod bil-lejl.

Mistoqsija dwar x'wassal għall-inċidenti tat-08 ta' Frar 2020 qalet li lejliet l-inċident, kienet qed tara t-television u qalbitu fuq programm televiżiv lokali fejn kienet qed tiġi diskussa l-vjolenza domestika. Qalilha li m'għandhiex għalfejn taraħ għax jimlewlha moħħha b'dawn l-affarijiet. Qamet li l-għada, ċioè dakinhar tal-inċident, qam bin-nervi tant li lanqas il-kafè li għamlitlu filgħodu ma ħa.

Qalet li wara dan l-inċident tat-8 ta' Frar 2020, marret tagħmel rapport fl-għassa tal-pulizija u anke marret iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara sabiex tagħmel ċertifikat mediku, fejn hemmhekk Dr. Neville Vassallo iċċertifika li kienet qed tbati minn xokk qawwi u anke rogħda u li kellha ġrieħi ħfief.[6]

[6] Ara ċ-ċertifkat mediku datat it-8 ta' Frar 2020 a fol. 42 tal-atti proċesswali, kif ikkonfermat minn Dr. Neville Vassallo fix-xhieda tiegħu tal-1 ta' Settembru 2020, a fol. 116 tal-atti proċesswali.

Illi wara li l-*parte ċivile* għamlet ir-rapport tagħha ma WPC 390 AnneMarie Coleiro,[7] fuq il-post marru magħha PC985 Odin Cutjar u PS 902 Karol Spiteri u PC335 Mervin Borg fejn hemmhekk sabu lill-akkużat biż-żiemel marbut fi Sqaq Dun Vestru, Birkirkara. Daħlu fl-istalla u ħadithom fil-lok fejn ħebb għaliha u hemmhekk PC 335 sab iċ-ċwievet tagħha goċ-ċana. Minn hemmhekk, l-akkużat ittieħed l-għassa tal-pulizija ta’ Birkirkara.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba tirrigwardja li dakinhar tat-8 ta’ Frar 2020, l-akkużat ittenta jikkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-*parte ċivile* Claudette Mallia Farrugia.

Illi dwar it-tentattiv ta’ reat, il-mibki Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu[8] jgħid illi:

> *“upon an analysis of this definition,it will appear that three elements are essential to constitute a criminal attempt, that is to say_*
>
> *1. An overt act manifesting the intent to commit a crime;*
>
> *2. A commencement of the execution of the crime; and*
>
> *3. The non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender.”*

Dwar l-ewwel element ta’ dan ir-reat, hu jkompli jgħid:

> *“Every willful crime has its first origin in the mind of the delinquent. But we have already seen that no man can be punished for his guilty purposes, save in so far as they have manifested themselves in overt acts which proclaim his guilt “cognitatione poenam in foro nemo patitur”. The guilty mind by itself does not give rise to criminal*

[7] Ara x-xhieda ta’ WPC390 Annemarie Coleiro mogħtija fl-1 ta’ Settembru 2020, a fol. 119 tal-atti proċesswali

[8] “Lectures in Criminal Law” Laws I year, Prof Sir. A. J. Mamo, GħSL, pġ 108.

*liability. It is only when such guilty mind is manifested in external conduct that liability may begin...*

*... So there must be some external or overt act but at the same time, such act must be done with intent to commit a crime. The existence of this intent is of the very essence of the attempt. The act <u>in itself</u> may be perfectly innocent, but is deemed to be criminal by reason of the purpose with which it is done. To mix arsenic with food is in itself a perfectly lawful act, for it may be that the mixture is done for the poisoning of rats. But if the purpose is to kill a human being, then - subject to the concurrence of the other ingredients - the act becomes, by reason of this purpose which it manifests, an attempted murder.*

*And the Act must manifest a clear, specific intent, to commit a determinate crime. ... Nor even is it sufficient that it should be an indication of a generic, and indeterminate criminal intention; but it is necessary to show that the agent had formed an intention to commit a specific crime, so that no doubt may remain as to the crime which he contemplated*."

Illi din l-ewwel akkuża tirrelata għal dak il-mument fejn hekk kif il-*parte ċivile* ipprovat tieħu lura ċ-ċwievet mingħandu, l-akkużat dar biex, skont hi, jaħtafha biex issawwatha.

Illi għalkemm il-Qorti ma tiddubitax mill-verżjoni tal-*parte ċivile* li f'dak il-mument l-akkużat verament dar biex jipprova jagħmel xi ħaġa, minn naħa l-oħra ma tressqet ebda prova quddiemha li dak li ried jagħmel kien propju li jikkawżalha ġrieħi ta' natura gravi. Illi l-unika prova li tressqet quddiem il-Qorti hija l-akkużat dar. Ir-raġuni għalfejn dar, madanakollu, tista' tkun varjata. Jista' jkun dar biex tassew ikorriha gravement, iżda jista' jkun ukoll li dar bil-għan li jimbuttaha, jew biex iżommha jew għal kwalunkwe raġuni oħra. Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, minn dan l-att singolu kif rakkontat mill-parte ċivile, il-Qorti ma tistax, lilhinn minn kull dubju raġonevoli,

tiddetermina illi l-akkużat tassew kellu l-intenzjoni li jikkawżalha ġrieħi ta' natura gravi. Illi minkejja li l-Qorti tifhem li fit-tensjoni tal-mument flimkien ma inċidenti passati li seħħew bejn il-partijiet, il-*parte ċivile* setgħet issopponiet li kien ser is-sawwatha, però min-naħa l-oħra ma tressqet ebda prova ta' xi att estern ieħor imwettaq mill-akkużat, bħal per eżempju qabad xi oġġett iebes biex iwaddabulha jew fajjar ponn b'saħħtu fid-direzzjoni tagħha, li jista' jikkonferma x'verament kienet l-intenzjoni tiegħu fil-mument illi dar.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib ħtija f'din l-ewwel akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża tirrigwardja li dakinhar tat-8 ta' Frar 2020, l-akkużat kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-*parte ċivile* Claudette Mallia Farrugia. Illi l-unika prova li tressqet mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward huwa ċ-ċertifikat mediku maħruġ u kkonfermat minn Dr. Neville Vassallo fejn iċċertifika li sabha tbati minn xokk qawwi u rogħda u għaldaqstant ikklassifikhom bħala ġrieħi ħfief.

Illi l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta dwar l-offiża fuq il-<u>persuna</u>. Mix-xhieda mogħtija mill-parte ċivile, minkejja li tat deskrizzjoni dettaljata ta' x'ġara dakinhar tat-8 ta' Frar 2020, minn imkien ma jirriżulta illi l-akkużat ikkaġunalha xi ġrieħi fuq persuntha. Dan il-fatt hu kkonfermat ukoll miċ-ċertifikat mediku msemmi fejn ma jindika ebda ferita jew ġerħa sofferti fuq il-persuna tal-parte ċivile li tammonta għal dan ir-reat.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib ħtija f'din it-tieni akkuża.

Ikkonsidra;

Illi t-tielet u r-raba akkuża ser jiġu trattati flimkien. Dawn l-akkużi jirrisalu għat-8 ta' Frar 2020 u fil-ġranet u fl-erba' xhur ta' qabel u talli l-akkużat ta Fastidju lill-parte ċivile (Art. 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u li bl-

imġieba tiegħu ikkawża lill-parte ċivile l-biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha (Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-akkużat jgħid li dawn huma reati alternattivi għal xulxin u li b'hekk ma tistax tinstab ħtija fiż-żewġ akkużi. Illi dan l-argument kien diġa tqajjem quddiem dawn il-Qrati fil-każ **il-Pulizija vs John Pace**[9] fejn it-tieni aggravju kien jgħid illi "*l-esponenti umilment jissottometti u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost li huw ma setghax jigi misjub ahati f'daqq sija that l-artikolu251A(1)(2)(4) kif ukoll that l-artikolu 251B(1)(2) jew l-artikolu 251BA (1)(a)(b), (2),(3),(5) tal-Kodici Kriminali, Kaptiolu 9 tal-Ligijet ta' Malta u dan ghax il-fatti huma l-istess u l-artikolu 251B huwa l-aktar gravi u konsegwentement l-artikolu 251A u 251BA t-tnejn bis-sub-artikoli indikati huma hawn komprizi u nvoluti*."

Illi l-Qorti tal-Appell , f'din is-sentenza irriteniet illi:-

> *"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat, kif jirrizulta manifestament fil-kaz in dizamina. Illi l-Att XXIV ta'l-2014 imbaghad introduca ir-reat tas-segwiment tal-persuna bil-mohbi intenzjonat jew sabiex jikkaguna biza f'dik il-persuna li ser tintuza xi vjolenza kontra taghha jew inkella sabiex tohloq alarm jew dwejjaq. Illi f'dan il-kaz il-ligi specifikatament tindika illi irid ikun hemm ta'l-inqas zewg okkazzjonijiet. Illi minn ezami akkurat maghmula mill-Ewwel Qorti ta' dawn it-tlett reati, johrog illi l-imgieba ta'l-appellanti kienet twassal ghal sejbien ta' htija ghal dawn it-tlett reati billi ghalkemm il-fattispecje huma unici izda l-appellanti sar hati tar-reat tal-fastidju, tal-biza mill-vjolenza u tal-insegwiment bil-mohbi akkompjant bil-biza tal-vjolenza. Kif gie deciz b'analogija mal-att ta'l-akkuza:*

[9] **Il-Pulizija vs John Pace**, Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Jannar 2016 (Appell Nru 480/2015)

> *"Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. … Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati." [ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi – 11/01/1994 App.Sup.]*
>
> *Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ma humiex alternattivi ghal xulxin billi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati ta' fastidju stabbiliti fil-ligi. Kwindi stabbilit illi l-fatti doluzi kienu kollha iwasslu ghal kummissjoni tar-reati li bihom l-appellanti gie akkuzat, u stabbillit ukoll illi f'dan il-kaz kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li gew addebitati lill-appellanti, huwa kellu jigi misjub hati tar-reat l-aktar gravi."*

Illi għalhekk, abbażi tas-suespost, il-Qorti tara li m'hemm xejn x'josta lill-Qorti milli, jekk jirriżulta mill-provi, issib lill-akkużat ħati kemm tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll dak ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Se mai, hija l-piena erogata li għandha tiġi kompriża f'dik l-aktar serja.

Illi dwar l-elementi ta' dawn ir-reati, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Omissis**[10] fejn ġie ritenut illi:

> *"Ghalkemm ovvjament f' din il-kawza mhux kompitu ta' din il-Qorti li tesprimi gudizzju fuq dak li gara f' okkazzjonijiet precedenti jew sussegwenti ghad-19 ta' Marzu, 2006, ghaliex l-appellant mhux akkuzat bihom, f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident*

[10] **Il-Pulizija vs Omissis**, Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Ġunju 2007 (Appell Nru 321/2006).

*hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi dwar ir-reat misjub fl-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Brincat**[11] intqal illi:-

*"Illi l-qrati taghna miz-zmien tal-promulgazzjoni tar-reat tal-hekk ismejjah 'harassement' interpretaw id-disposizzjoni ta'l-artikolu 251A bhala dak ir-reat li irid isarraf f'imgieba persistenti u abitwali u li jista' jikkaguna allarm, biza, dwejjaq jew stress fuq il-vittma, dejjem tenut kont tar-retroxxena ta' kull kaz individwali1. Dan ghaliex l-artikolu 251A jissanzjona "**Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni inġusta"** [Il-Pulizija vs Paul Attard – App. Krim 27/09/2007]"*

Ili mix-xhieda mogħtija mill-parte ċivile jirriżulta illi l-inċidenti li seħħew fit-8 ta' Frar 2020 ma kienux okkażjoni ta darba. Filfatt, il-parte ċivile tgħid li dakinhar qalilha kliem li jgħidilha s-soltu, fosthom joffendiha bil-mejtin, jeddidha li jsawwatha, li jekk tkun taħt idejħ joqtolha. Qalet li dan id-diskors jgħidu f'rabja kbira u li jekk tiġiħ xi ħaġa f'moħħu dak il-ħin jagħmilha. Tgħid li għall-ħabta tal-Milied tas-sena 2019, l-akkużat daħħal f'moħħu li l-*parte ċivile* żebgħat xagharha aħmar u għamel storja sħiħa, tela' fuq il-bejt, beda jagħti l-ħajt bil-ponn qalb ħafna dagħa u qalilha li kieku ma kienitx l-Ordni ta' Protezzjoni u m'hemmx il-pulizija mdaħħlin kien joqtolha taħt idejħ. Qalet li anke qalilha li kien ser iqabbad lil xi ħadd biex joqtolha. Qalet li ġieli mbuttaha t-taraġ ukoll. Qalet li kien hemm diversi inċidenti u li tħossha beżgħana u li kienet tibża' torqod bil-lejl, tibża li ser jifgaha. Kienet saħansitra torqod bilqiegħda.

[11] **Il-Pulizija vs Joseph Brincat**, Qorti tal-Appell, 14 ta' Diċembru 2017 (Appell Nru 273/2017)

Illi l-Qorti tagħmel referenza wkoll għaċ-ċertifikat mediku preżentat in atti fejn Dr. Neville Vassallo dakinhar tat-8 ta' Frar 2020 ċċertifika li kienet qed issofri minn "xokk qawwi u rogħda".

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-komportament tal-akkużat tul ix-xhur mertu tal-kawża jammonta għal fastidju fil-konfront tal-parte ċivile. B'mod partikolari, meta hu kien imur wara d-dar tagħha jibkilha biex idaħħlu d-dar, u jmur hemm bil-lejl u ma jitlaqx sakemm idaħħlu ġewwa d-dar. Qalet li kien jinsulentaha, joffendiha, ikun irrabjat magħha.

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan iċ-ċertifikat mediku flimkien max-xhieda mogħtija mill-parte ċivile jagħtu prova ċarissima tal-biża' kbir li l-parte ċivile kienet qed issofri minħabba l-aġir tal-akkużat tul il-perjodu relevati. Mix-xhieda tagħha, jirriżulta wkoll li l-inċident ma kienx okkażjoni ta' darba iżda kien hemm diversi drabi fejn l-akkużat ikkawża biża' li se tintuża vjolenza fuq il-parte ċivile u anke kien ta fastidju lill-parte ċivile.

Illi miċ-ċertifikat taż-żwieġ ppreżentat in atti jirriżulta ampju illi l-akkużat u l-parte ċivile huma miżżewġin u b'hekk, l-aggravju indikat mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 251H(a) huwa ampjament sodisfatt.

Għalhekk il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet u r-raba' akkużi.

Ikkonsidrat:

Illi l-ħames akkuża tirrigwardja l-kontravenzjoni ta' inġurji, theddid mhux isemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali. Illi mix-xhieda mogħtija mill-parte ċivile, kif riportata aktar 'l fuq f'din is-sentenza, jirriżulta ampju illi l-akkużat wettaq tali theddid u inġurji u b'hekk il-Qorti qed issib ukoll illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova anke din il-ħames akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi s-sitt akkuża tirrigwardja l-allegat eżerċiżju arbitrarju ta' pretensjonijiet mwettqa mill-akkużat fil-konfront tal-parte ċivile ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-elementi ta' dan ir-reat ġew deskritti fid-dettal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**[12] fejn intqal illi:

> *"Li r-reat ikkontemplat fl-artikolu 85 għandu erba' elementi:*
>
> *a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;*
>
> *b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;*
>
> *ċ) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;*
>
> *d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;"*

Illi ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said**[13] illi:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha."*

[12] **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, Qorti tal-Appell Kriminali, 20 ta' Ġunju 2014, (Appell Krim. Nru 225/2013)
[13] **Il-Pulizija vs Eileen Said**, Qorti tal-Appell Kriminali, 19 ta' Ġunju 2022

Illi dwar din l-akkuża, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li xehdet il-parte ċivile fir-rigward, senjatament:

> *"Qabel ma telaq għax jiena ħsibtu telaq ġiex iħabbat mal-bieb tar-razzett u ftaħtlu qal li tini ċ-ċwievet. Għidtlu ċ-ċwievet tiegħek għandek qegħdin għidtlu jien tiegħi għandi. Qalli tihomli naqra. Jien ħriġthom mill-but tat- tracksuit u tajthomlu. Qalli ċ-ċwievet inti m'għandekx x'tambihom. Qalli issa ara kif ħa tidħol. Għidtlu x' jiġifieri? Mort biex noħodhomlu minn idu jien, ġie fuqi hu jimbuttani, ħatafhomli minn idi. Iċ-ċwievet mill-keychain qaċċathomli għax kelli xi 8 pari ċwievet, qaċċathomli u waddabhomli fl-istalla taż-żiemel li ma kienx hemmhekk jiġifieri li kien iż-żiemel barra. U jiena għidtlu, għidtlu għalfejn għamiltli hekk? U kif dar biex jaħtafni biex isawwatni qbadt il-bieba tal-istalla, imbuttajtha u ħrabt niġri 'l barra. U qagħadt nistenna ftit fit-triq. X'ħin ħareġ bil-karozzin għedtlu tini ċ-ċwievet tad-dar biss għedtlu kemm nidħol id-dar għedtlu għax mhux se nibqa' kif jien bil-boots xagħari mħabbel u bit-trab taċ-ċana taż-żiemel. Qalli jien sejjer jekk trid skużi l-espressjoni hekk qalli quddiem in-nies għax semgħuh in-nies barra, qalli jiena sejjer għax-xogħol qalli jekk trid oqgħod ġurnata barra ja kornuta hekk u telaq. U għidtlu mela allura jiena mhux se noqgħod ġurnata barra kif jien bla ċwievet u xejn la mobile għax kelli l-mobile ħaduli u kelli affarijiet. Għedtlu ħa mmurlek l-Għassa. U mort l-Għassa."*[14]

In kontro-eżami hija tkompli tgħid:

> *"Hu ġie biex jeħodli ċwievet biex iħallini barra. Jien ħadthomlu minn idu u kif ħadthomlu minn idu ġie jiġbidhomli hu u huma jkunu ġol-ħoloq tal-keychains dawk it-tondi tal-ħadid. Ġibidhomli u qaċċatthom. U kif qaċċathom hu xeħithomli biex ma nsibxhomx fl-istalla taż-żiemel ġoċ-ċana all right. U kif xeħithom għedtlu għalfejn*

[14] Ara fol. 48 – 49 tal-Atti proċesswali.

> *ħadthomli ċ-ċwievet? Qalli għax hekk irrid u ġie biex itini u jiena ilħaqt tlaqt 'il barra.*
>
> *...*
>
> *U ma mortx l-Għassa mill-ewwel jiġifieri eh tajtu ċans għaxar minuti biex itini ċ-ċwievet tad-dar imqar tad-dar."*[15]

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u l-parte ċivile, huma jargumentaw illi dan ir-reat ġie ampjament ipprovat għaliex il-parte ċivile kienet kostretta titlob l-assistenza tal-pulizija peress li l-akkużat ippretenda li joħdilha ċ-ċwievet kollha inkluż tad-dar tagħhom. Jgħidu illi l-akkużat kien tant konxju ta' x'kien qed jagħmel illi l-parte ċivile konsegwentement spiċċat mingħajr aċċess għad-dar tagħhom.

Illi fil-fehma tal-Qorti, ġie ampjament ipprovat illi waqt l-alterkazzjoni li kellhom l-akkużat kellu ċ-ċwievet tal-parte ċivile fil-pussess tiegħu u ma riedx jaghtihomlha u filfatt tefagħhomlha qalb iċ-ċana li kien hemm ma' l-art. Li kien għaliħ, hija kellha tagħmel ġurnata barra tistennieh jirritorna lura mix-xogħol.

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel element tar-reat kkontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa sodisfatt billi l-akkużat, b'dak li għamel effettivament ċaħħad lill-parte ċivile, imqar jekk momentarjament, mill-aċċess tagħha għar-residenza tagħha.

Il-Qorti tqis ukoll, madanakollu, illi dawn l-atti seħħew f'qafas ta' argument serju bejn il-partijiet fejn l-akkużat kien qed jikkawża biża' fil-*parte ċivile*. Fil-fehma tal-Qorti, l-akkużat ħa ċ-ċwievet tal-parte ċivile biex ikompli jinfluwixxi fuqha aktar biża' u toqgħod għal dak li ried hu, aktar milli biex jeżerċita xi dritt li ppretenda li għandu. Filfatt, iċ-ċwievet ma żammhomx fuq persuntu iżda waddabhom fiċ-ċana li kien hemm ma' l-art u ħallihom hemm. Dan joħroġ ċar meta hi saqsietu għalfejn għamlilha hekk u hu

[15] Ara fol. 57 tal-atti proċesswali.

irrisponda sempliċiment billi qalilha "*Qalli għax hekk irrid*" u dar biex jipprova jsawwatha. F'dak il-ħin hu ma semma xejn dwar xi dritt li jippretenda li għandu hu, jew xi dritt li hi tilfet u b'hekk, fil-fehma tal-Qorti it-tieni u t-tielet element rikjesti għal dan ir-reat ma ġewx suffiċjentement ippruvati.

Għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija f'din is-sitt akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi s-seba' akkuża miġjuba kontra l-akkużat tirrigwardja l-ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta nhar it-23 ta' Settembru 2019.

Illi kif jirriżulta mill-atti, fit-23 ta' Settembru 2019, din il-Qorti ħarġet Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur tal-parte ċivile Claudette Mallia Farrugia, għall-perjodu sas-sentenza finali f'dawk il-proċeduri.[16] Illi mix-xhieda mogħtija mill-Assistent Reġistratur jirriżulta illi l-proċeduri li fihom ingħatat din l-Ordni ta' Protezzjoni għalkemm ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati fil-25 ta' Frar 2020, hemm appell minn dik is-sentenza. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta ampju li fil-perjodu ta' meta seħħew l-inċidenti odjerni, ċioè fit-8 ta' Frar 2020, il-kondizzjonijiet misjuba fl-Ordni ta' Protezzjoni kienu għadhom viġenti fuq l-akkużat odjern.

Illi din l-imsemmija Ordni ta' Protezzjoni għandha diversi kondizzjonijiet b'effett fosthom li:

(i) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Claudette Mallia Farrugia;

(ii) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew sas-sentenza finali, ġewwa l-fond fejn

[16] Ara dok "SCT1" a fol. 308, kif ikkonfermat mill-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali a fol. 305 tal-atti proċesswali.

tirrisjedi, taħdem jew tiffrekwenta Claudette Mallia Farrugia kif ukoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond; u

(iii) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Claudette Mallia Farrugia;

Illi mill-provi prodotti u kif riportati hawn fuq jirriżulta ampju illi fit-8 ta' Frar 2020 u fl-erba' xhur ta' qabel, l-akkużat mhux talli ikkuntattja lill-parte ċivile talli saħansitra immolestaha diversi drabi. Biżżejjed jekk insemmu l-inċident ta' qrib il-Milied meta l-parte ċivile żebgħet xagħra u anke l-inċidenti stess li seħħew fit-8 ta' Frar 2020. Dan biex ma nsemmux id-diversi drabi li għajjarha u offendiha tul dawn ix-xhur kif xehdet il-parte ċivile stess.

Illi di più, il-parte ċivile xehdet ukoll illi f'Ottubru 2019 l-akkużat kien imur wara d-dar tal-parte ċivile jibkilha biex idaħħlu fid-dar u mhux anke matul il-lejl.

Illi minn naħa tiegħu, l-akkużat ma ressaq ebda prova in sostenn ta' xi skuża raġjonevoli għall-ksur tal-projbizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi li l-akkużat tassew kiser tal-inqas tnejn mill-kondizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni datata t-23 ta' Settembru 2019 u dan mingħajr ma kellu skużanti raġjonevoli.

Ikkonsidrat;

Illi t-tmien akkuża tirrigwardja l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest imposti fuq l-Akkużat Digrieti datati l-15 u d-29 ta' Ottubru 2019 erogati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat, illum Imħallef Onor. Dr. Audrey Demicoli.

Illi dwar id-Digriet tal-15 ta' Ottubru 2019[17] jirriżulta li dan ingħata fi proċeduri diversi mmexxija mill-ispettur Christina Delia u jikkontjeni l-kondizzjoni li "*ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest*" kif ukoll il-kondizzjoni "*Li jsegwi l-kundizzjonijiet imposti permezz tal-Ordni ta' Protezzjoni tat-23.09.2019.*"[18] Illi minkejja li l-kondizzjonijiet tad-Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest imsemmi ġew varjati minn dawn il-Qrati, dawn iż-żewġ kondizzjonijiet sopra msemmija baqgħu inalterati u viġenti fuq l-akkużat.

Illi mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, kif ampjament spjegati hawn aktar 'l fuq f'din is-sentenza, jirriżulta illi l-akkużat wettaq reati ta' natura volontarja waqt li kien marbut bil-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest billi kkommetta reati kontra l-Artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9 kif hawn fuq imsemmi. Jirriżulta wkoll, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, illi l-akkużat kiser il-kondizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni datatat t-23 ta' Settembru 2019 u b'hekk anke din il-kondizzjoni elenkata fid-Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest ġiet miksura.

B'hekk fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-ewwel parti mit-tieni akkuża dedotta kontra l-akkużat.

Illi dwar it-tieni data msemmija fl-akkuża, ossija d-data tad-29 ta' Ottubru 2019, mill-provi jirriżulta li d-Digriet mogħti f'din id-data huwa varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn il-Qorti awtorizzat lill-akkużat jmur Birkirkara bil-kondizzjonijiet l-oħra jibqgħu kif inhuma.[19] Ma tressqet ebda prova ta' xi Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest ieħor b'din id-data.

Ikkonsidrat;

---

[17] Ara Dok "SCT2" a fol. 309 tal-Atti Proċesswali.
[18] Ara *a tergo* ta' Dok "SCT2" a fol. 309 tal-Atti Proċesswali.
[19] Ara Dok "SCT3" a fol. 312 tal-Atti proċesswali.

Illi l-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tittratta mal-akkużat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Zahra**,:[20]

> *"l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva"*

Illi mill-atti jirriżulta illi ai finijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat sejbien ta' ħtija preċedenti senjatament b'sentenza erogata nhar il-31 ta' Jannar 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[21] fejn instab ħati, *inter alia,* tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi b'hekk, il-Qorti ser tqis lill-akkużat bħal reċidiv ai termini tal-liġi.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ser iżżomm quddiem għajnejha x-xhieda mogħtija mill-*parte ċivile* fejn qalet li kienet tibża' minnu u li kien se joqtolha. Tgħid, filfatt, li ġieli matul il-lejl kienet torqod bilqiegħda li ma jmurx jifagaħha b'xi mħadda. Tgħid li ta' sikwit kien ikollhom inċidenti bħal dawk odjerni tul ix-xhur mertu tal-preżenti akkużi.

---

[20] **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, Qorti tal-Appell Kriminali, 24 ta' Frar 2003 (Appell Krim. Nru. 272/2002)

[21] Ara Dok AAX, a fol. 258 tal-atti proċesswali;

Il-Qorti nnutat li l-akkużi odjerni seħħew għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu u li hi ġiet eżaminata mit-tabib fiċ-Ċentru tas-Saħħa fl-għaxra ta' filgħodu. Minkejja t-trapass ta' sagħtejn minn meta seħħew dawn l-inċidenti, il-parte ċivile kienet xorta għadha qed tbati minn "xokk qawwi u rogħda". Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-parte ċivile kienet għadha taħt xokk qawwi sagħtejn wara l-inċident juri l-profondità tal-biżà li l-akkużat influwixxa fuq il-parte ċivile. Il-gravità ta dawn ir-reati huma enfasizzati bil-fatt li twettqu mill-akkużat mingħajr ebda ħarsien tal-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa a favur tal-parte ċivile u mingħajr ebda ħarsien għall-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

Illi l-fedina penali tal-imputat tixhed illi l-akkużat ingħata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruħu. Filfatt, hu bbenefika kemm minn sentenzi ta' priġunerija sospiżi kif ukoll mill-liberazzjoni inkondizzjonata.

Meqjus dan kollu, hija l-fehma tal-Qorti li l-akkużat ma tgħallem xejn mid-diversi opportunitajiet li ngħata sabiex jindirizza l-problemi li jista' jkollu u b'hekk hija tal-fehma li l-piena għandha tkun waħda karċerarja effettiva u ta' multa u li tirrifletti l-gravità tal-azzjonijiet tiegħu u tal-biżà li kkaġuna lill-parte ċivile.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 85, 214, 215, 216, 222(1)(a) 251A(1)(a)(b)(2), 251B(1)(2), 251H(a), 339(1)(e), 412Ċ(1)(11), 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Carmel Mallia** mhux ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) akkuża iżda qed issibu **<u>ħati</u>** tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames(5), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) akkużi u tikkundannaħ għal piena kumplessiva ta' tliet (3) snin priġunerija effettiva u għall-multa ta' sebat' elef Ewro (€7,000).

Fid-dawl ta' dan is-sejbien ta' ħtija u ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna illi d-depożitu fis-somma ta' ħames

mitt Ewro (€500) u l-garanzija personali fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) mogħtija fid-Digriet tal-Għoti tal-Ħelsien mill-Arrest tal-15 ta' Ottubru 2019 erogat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għandhom jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta fl-intier tagħhom;

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Claudette Mallia Farrugia għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena mogħtija b'din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Il-Qorti, qegħda wkoll tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkużat ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza;

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-Digrieti mogħtija kontestwalment lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Probation and Parole kif ukoll lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

**Ft. Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**